**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 6 ta' Marzu 2018**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Joseph Busuttil)**

**Vs**

**EMANUEL MIFSUD**

Kump Nru. 487/2013

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Emanuel Mifsud** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 409471M**,** gie akkuzat talli :

1. F'dawn il-Gzejjer gewwa Triq it-Trunciera, Qawra, San Pawl il-Bahar, ghall-habta tad-09:30 ta' filghodu fit-2 ta' Lulju 2011, minghajr hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' Antoine Deemer Bonnici, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 29994M f'periklu car, ikkagunajt feriti gravi fuq il-persuna tal-istess Antoine Deemer Bonnici.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tal-tal-21 ta' Mejju 2013 (ara *folio* 7) sabiex din il-kawza titmexxa bil-procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Rat fuq kollox il-verbal tas-seduta ta` llum stess fejn, *inter alia*, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u kompla jinsisti fuq din l-ammissjoni anki wara li l-Qorti taghtu zmien biex jahsibha skond il-ligi;

Semghet lill-ufficjal prosekutur u lid-difensur tal-imputat jaghmlu sottomissjonijiet dwar il-piena;

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta' piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss:

a. il-fedina penali tal-imputati;
b. l-ammissjoni ta` l-imputati, fattur li ghalkemm ma jatix xi dritt awtomatiku ghall-riduzzjoni fil-piena, f'dan il-kaz din il-Qorti qed taghtieh piz sostanzjali fil-kuntest ta` l-ahjar sanzjoni li ghandha tigi imposta b'din is-sentenza;
c. il-fatt mhux ta' ftit importanza illi fl-udjenza ta` llum stess l-imputat hallas lill Antoine Deemer Bonnici bhala kumpens is-somma ta` €350;

Minghajr tlaqlieq, din il-Qorti tiddikjara li ghandha f'mohha – u fl-opinjoni taghha - sanzjoni ekwa u gusta. Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, ma hux spedjenti li twahhal piena.

**Decide**.

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 214, 215, u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Emanuel Mifsud** hatii ta' l-imputazzjoni kif dedota kontra tieghu u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta` 3 snin mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur